**15 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Emanuela Fava

*versus*

Giuseppe Fava et.

**Eredità — Użufrutt — Legati — Persuna interposta — Nullità**

**— Leġittima — Drittijiet ereditarji tal-armla mit-tieni żwieġ — Art. 640, 641, 649, 650, 668, 671, 729 u 1729, Kodiċi Ċivili.**

*Min, wara r-raġel u l-mara, li meta jkollu tfal jew dixxendenti, jgħaddi għat-tieni żwieġ jew għal żwieġ ieħor, ma jistax iħalli lill-mara jew lir-raġel ta' l-aħħar iżjed minn dak li jkun sejjer jieħu l-anqas favorit wara it-tfal taż-żwieġ ta' qabel.*

Il-Qorti, rat id-deċiżjoni tagħha in parte mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 1964, (fol. 252) li fiha hemm riassunti d-domandi u l-eċċezzjonijiet kif ukoll l-atti proċedurali saljenti tal-kawża, liema sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat;

Omissis.

Ikkunsidrat:

1. Illi din il-kawża ġiet promossa mill-attriċi, ġia armla mill-ewwel żwieġ tagħha ma Antonio Cardona, u armla mit-tieni żwieġ tagħha ma Grazio Fava, biex tra altro, billi dan Grazio Fava kien min-naħa tiegħu preċedentement miżżewweġ ma Maria Fava, jiġu likwidati u deċiżi ż-żewġ komunjonijiet tal-akkwisti, biex tiġi assenjata lilha l-porzjoni tagħha mit-tieni komunjoni, biex jiġi likwidat l-assi partikolari tal-istess Grazio Fava, biex it-tliet konvenuti, ulied u eredi tiegħu, jiġu kkundannati iħallsuh għal-legat ta' £200 lilha mħolli bl-aħħar testment tiegħu, bl-imgħax mid-data tal-mewt tiegħu, u jimmettuha fil-possess tal-legat ta' użufrutt ta' £200 oħra lilha mħolli minn żewgħha bl-istess testment, u biex jiġi wkoll likwidat il-kwart tal-użufrutt li jmiss lilha fuq il-wirt tiegħu. bl-assenjazzjoni favur tagħha ta' tant sostanzi kemm jikkorrispondu għall-użufrutt, wara li jsiru d-deduzzjonijiet u imputazzjonijiet skond il-liġi.

Omissis.

4. Illi peress illi nqalgħu diversi kwistjonijiet fuq il-validità in tutto o in parte ta' diversi legati li d-decujus ħalla bl-imsemmi testment a favur ta' l-attriċi u ta' binha mill-ewwel żwieġ tagħha, ċioè l-intervjent fil-kawża Carmelo Cardona, huwa utili li jiġu hawn imsemmija in succinto d-dispożizzjonijiet ta' dana t-testment, li huma dawn:—

(1) Prelegat ta' £100 favur ibnu l-konvenut Giuseppi;

(2) Prelegat ta' £500 favur Carmelo Cardona "in kompensazzjoni ta' bosta għajnuna li hu ra minn għandu speċjalment fil-marda f'riġlejh f'dawn l-aħħar xhur li għaddew". Dan il-prelegat ġia jinsab dikjarat null u nvalidu bis-sentenza fuq imsemmija minħabba l-effett tal-art. 641, 649 u 650 tal-Kodiċi Ċivili; peress li l-imsemmi prelegatarju huwa presunt persuna interposta għall-ommu, l-attriċi, li b'hekk kienet tikkonsegwi, mill-wirt tal-istess żewġha Grazio Fava, iżjed mill-inqas favorit mill-konvenuti li huma t-tfal tiegħu mill-ewwel żwieġ;

(3) Legat ta' £200 favur l-attriċi in proprietà;

(4) Legat ta' £200 favur l-attriċi iżda biss in użufrutt, mentri il-proprietà ta' din is-somma ġiet imħollija wkoll b'legat lill-imsemmi binha Carmelo Cardona, konsegwibili wara l-mewt tagħha;

(5) Salv il-premess it-testatur istitwixxa eredi tiegħu fi kwoti ugwali lill-konvenut;

5. Illi huwa ċar li minħabba l-pożizzjoni tad-decuius bħala ibnu u missier tat-tliet konvenut mill-ewwel żwieġ, testment ta' din in-natura, bil-lasciti apprezzabili favur it-tieni mara u binha mill-ewwel żwieġ, ma setax ma jkunx forniti ta' diskordja u litiġiu bil-perikolu tan-nullità jew tar-riduzzjoni ta' dawk l-axxiti fil-każ li l-assi ereditarji tad-decuius ma jirriżultax suffiċjenti biex jagħmel fonti għalihom mingħajr ksur tal-

dispożizzjoni tal-art. 641 Kodiċi Ċivili. Il-prelegat ta' £500 favur Carmelo Cardona, kif intqal fuq, ġià jinsab dikjarat null bis-sentenza preċedenti. Issa jibqa' kwistjoni wkoll, taħt l-istess aspett, wara li jiġi likwidat l-assi partikolari tad-decujus taħt id-domandi Numri I sal-V taċ-ċitazzjoni, dwar il-legati msemmija fin-numri (3) u (4) tal-paragrafu preċedenti, li għal konsegwiment tagħha hija rivolta d-domanda Numru VI tal-attriċi, u jibqa' wkoll kwistjoni jekk l-attriċi għandhiex dritt, taħt id-domanda Nru. VII, tikkonsegwi l-kwart in użufrutt mill-assi tad-decuius oltre l-legati fuq imsemmija.

6. Illi barra mid-domandi tagħha biex tirċievi n-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti tagħha mad-decuius (domandi Nri. III u IV) dawk iż-żewġ kwistjonijiet huma l-iskop prinċipali tal-istituzzjoni tal-kawża mill-attriċi. Għandu jiżdied però li bl-intervent ta' Carmelo Cardona din is-sentenza saret esegwibili *wkoll fil-konfront tiegħu u għalhekk jibqa' wkoll il-kwistjoni* rigwardanti l-legat ta' £200 lilu mħolli fit-testment in proprietà skond ma ntqal fin-Numru (4) tal-konsiderand Numru 4 hawn fuq, liema legat ma ġiex affettat bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Ottubru, 1964, li kienet tirrigwarda biss il-legat ta' £500 lilu mħolli bħala legat rimuneratorju, mentri dan ta' £200 kien legat pur u sempliċi salvo l-użufrutt waqt il-ħajja ta' l-attriċi.

Omissis.

18. Illi bil-ħames domanda l-attriċi talbet il-likwidazzjoni tal-assi partikolari ta' Grazio Fava billi jiġi dikjarat jikkonsisti f'nofs l-akkwisti li saru fiż-żwiġijiet tiegħu u fis-sostanzi l-oħrajn kollha li jirriżultaw;

19. Illi kif tajjeb irrileva l-perit legali din id-domanda *ma saritx mill-eredi a skop ta' diviżjoni imma mill-armla tad-decuius sabiex*, skond is-sitt u s-seba' domandi tagħha, l-eredi ħallsuha ż-żewġ legati ta' £200-il wieħed (li minnhom wieħed

huwa in proprietà u l-iehor in użufrutt) u jiġi likwidat il-kwart in użufrutt li jmisha fuq il-wirt ta' żewġha u li jiġu lilha assenjati sostanzi ekwivalenti għall-imsemmija użufrutt wara li jsiru d-deduzzjonijiet u l-imputazzjonijiet meħtieġa. Peress li, kif ġia ssemma iżjed 'il fuq, f'din il-kawża hemm kwistjoni jekk l-attriċi, in vista tal-art. 641 Kod. Ċiv., tistax tirċievi l-legati kollha lilha mħollijin mid-decuius sew direttament kemm permezz ta' binha Carmelo Cardona — fi kliem ieħor, hemm kwistjoni rilevanti dwar il-kapaċità tal-legatorja jew jekk it-testatur eċċedix il-kwota disponibili b'favur għaliha u in preġudizzju tat-tfal ta' l-ewwel żwieġ tiegħu, il-Qorti, kif irrikkomanda anki fir-rigward il-perit legali, għandha tillikwida dan l-assi partikolari b'riferenza għal mument tal-apertura tas-suċċessjoni u mhux għal dak tad-diviżjoni stess, li huwa normalment il-mument li għandu jiġi mħares fid-diviżjoni bejn l-eredi.

Omissis.

21. Illi dan premess il-Qorti, stante n-nuqqas ta' kontestazzjonijiet fir-rigward, u peress li ma jidhirx li hemm xi raġuni għaliex din il-likwidazzjoni m'għandhiex tiġi adottata, tillikwida dan l-assi partikolari ta' Grazio Fava fil-beni indikati mill-perit legali bħala attiv fl-elenku a fol. 217, u fil-passiv minnu indikat fl-elenku a fol. 218, liema żewġ elenki għandhom jitqiesu bħallikieku huma parti integrali tal-preżenti, u li minnhom joħroġ total attiv ta' elf u tnejn u disgħin lira u ħmistax-il xelin (£1,092.15.0) u total passiv ta' ħames mija u sitta u għoxrin lira (£526) b'konsegwenti bilanċ attiv ta' ħames mija u sitta u sittin lira u ħmistax-il xelin (£566.15.0.);

22. Illi taħt l-art. 640 tal-Kodiċi Ċivili t-testatur, fil-konkors tagħha ma wliedu, ma setax iħalli lill-attriċi iktar mill-kwart at' dan l-attiv tal-assi tiegħu ċioè £141.13.9. Inoltri meta minn dan l-attiv jitnaqqas il-prelegat ta' mitt lira (£100) mħolli mit-testatur lill-ibnu, il-konvenut Giuseppe, jibqa' biss bilanċ ta' £466.15.0, li meta jinqasam bejn it-tliet eredi (kompriż l-is-

tess Giuseppe) u l-attriċi fi kwoti ugwali, biex tiġi rispettata id-dispożizzjoni tal-art. 641 tal-Kodiċi Ċivili, li timpedixxi lill-attriċi li tieħu iżjed mill-wirt tad-decuius mill-inqas favorit mit-tfal ta' l-ewwel żwieġ iwassal għall-konklużjoni li mill-assi partikolari ta' Grazio Fava l-attriċi ma tistax tikkonsegwixxi iżjed minn mija u sittax-il lira, tlettax-il xelin u disgħa soldi (£116.13.9);

23. Illi dan juri immedjatament li l-attriċi ma tistax tikkonsegwixxi fl-interezza la l-legat ta' £200 lilha mħolli direttament in proprietà u lanqas il-legat l-ieħor ta' £200 lilha mħoll in użufrutt għal ħajjitha. In vista tad-dispożizzjonijiet tal-art 641, 649, 650, 729 u 1279 tal-Kodiċi Ċivili l-legat tan-nuda proprietà tat-tieni £200 favur Carmelo Cardona għandu b'mod assolut u nkontestabili jiġi kunsidrat bħala magħmul favur tagħha permezz ta' persuna interposta u għalhekk null u nvalidu. Infatti l-istess Carmelo Cardona, għalkemm ipprova jiddefendi l-validità tal-legat ta' £500 fuq il-bażi ta' legat rimuneratorju (kwistjoni llum definitivament deċiża kontra tiegħu skond ma ntqal fuq) lanqas ma qanqal l-inqas kritika dwar ir-rakkomandazzjoni kuntrarja tal-perit legali fir-rigward ta' dan il-legat. Lanqas l-attriċi ma ġiet 'il quddiem b'xi argumenti biex issostnieh. Għalhekk dan il-legat ta' £200 għandu jiġi ikkunsidrat mħolli lill-attriċi mhux biss kwantu għall-użufrutt imma anki kwantu għall-"nuda proprietas".

24. Illi konsegwentement l-attriċi ġiet mħollija mit-testatur żewġ legati ta' £200 -il wieħed in proprietà assoluta, mentri hi tinsab kolpita b'inkapaċità legali li tirċievi iżjed mill-imsemmija somma ta' £116.13.9. Għaldaqstant l-ewwel legat ta' £200 dettat favur tagħha taħt l-ittra (a) ar-raba' artikolu tat-testment a fol. 7 għandu jiġi ridott għall-imsemmija somma ta' £116.13.9 u huwa null kwantu għall-eċċess (art. 649(2) Kod. Ċiv.), mentri l-legat ta' £200 imsemmi fl-ittra (b) tal-istess artikolu testamentarju huwa null u nvalidu fl-interezza tiegħu. Stante n-neċessità tar-riduzzjoni tal-legat fuq imsemmi

u l-konsegwenti natura illikwidata tiegħu dwar l-interessi fuq l-imsemmija somma ta' £116.13.9 ma jistax jingħad li permezz taċ-ċitazzjoni l-eredi ġew mqegħda in mora għall-ħlas ta' dak il-legat a terminu tal-art. 764 Kodiċi Ċivili, u għalhekk l-interessi fuq dik is-somma għandhom jibdew jiddekorru mil-lum, u mhux kif talbet l-attriċi, mid-data tal-mewt ta' Grazio Fava jew mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni.

25. Illi kwantu għas-seba' (VII) domanda tal-attriċi, kif irrileva l-perit legali a fol. 92 u 216 tal-proċess mingħajr ma sar ebda reklam da parti tal-attriċi; bil-konsegwiment tal-imsemmija somma ta' £116.13.9 l-attriċi tkun qegħda tieħu dak kollu li tippermettilha l-liġi bis-saħħa tal-art. 641 Kodiċi Ċivili u barra minn dan meta wieħed jikkonsidra d-denunzjonijiet u l-imputazzjonijiet li għandhom isiru skond l-art. 671 tal-Kodiċi jirriżulta li fil-fattispeċji ebda porzjoni riservata ma hi dovuta skond l-art. 668.

26. Illi kwantu għaż-żewġ somom ta' £40.10.0 u ta' £6 imsemmija mill-perit legali fl-aħħar tat-tielet relazzjoni tiegħu a fol. 220 il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti fil-paragrafu 4 tan-nota tagħhom a fol. 204. Infatti l-ewwel somma tirrappreżenta d-dritt tal-attriċi għal prelevament ta' £31.10.0 u għal £9 qbiela kontra t-tieni assi soċjali, u anki jekk, kif issottometta l-perit legali, hija dovuta mill-assi partikolari ta' Grazio Fava peress li dan, stante l-eċċess tal-passiv ta' dak l-assi soċjali konjugali, ġie akkreditat bl-attiv u bil-passiv tiegħu kollu, ma, jistax ikun hemm lok għal kundanna f'dan il-ġudizzju, għax dwar l-assi partikolari ta' Grazio Fava ma ntalbitx ħlief il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-eredi biex minnu jipprestaw il-legati u l-kwart in użufrutt, li din is-somma ta' £40.10.0 ma tagħmilx parti minnhom. Huwa ġust però li fil-ġudizzju tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-assi partikolari tal-konjugi premorjenti jiġu konstatati l-prelevamenti dovuti lis-superstiti salva l-kundanna b'ġudizzju separat jekk ikun hemm bżonn, u għalhekk il-Qorti qegħda

sempliċement tikkonstata dan id-dritt tal-attriċi, riservat id-dritt tagħha li tipproċedi għal kundanna tal-konvenuti, bħala eredi tad-decuius, fil-każ li huma ma jħallsuhiex. Kwantu għas-somma l-oħra ta' £6 dan huwa semmai dritt tal-attriċi kontra l-konvenuti personalment għal ħlas tal-qbiela tal-għalqa "tal-ponta u għadira" għas-snin 1945-6, simili għal dak kontra l-konvenut Michele Fava waħdu rilevat fl-istess kontest mill-perit legali a fol. 86. Għalhekk għandha ssir riserva favur l-attriċi għall-kreditu ta' dawn is-sitt lira (£6), kif ukoll għal kull kreditu li jista' jkollha għall-ħlas ta' qbiela li ma irriżul-tawx.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, prevja l-adesjoni tagħha mar-relazzjonijiet peritali kull fejn mhumiex inkonsis-tenti mal-preżenti, u salvi d-dikjarazzjonijiet kollha kontenuti fil-korp ta' din is-sentenza, taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) tilqa' l-ewwel domanda u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn Grazio u Maria Fava billi tagħmilhom jik-konsistu f'dawk il-beni li huma ndikati fil-paragrafu 5 tal-fol. 72 tal-proċess, liema paragrafu għandu jiġi ikkunsidrat bħala parti integrali minn din is-sentenza;

(2) tilqa t-tieni talba fis-sens biss li tiddikjara l-imsem-mija komunjoni tal-akkwisti diviżibili fiż-żewġ porzjonijiet in-dikati dil-paragrafi Nri 1 u 2 fl-ewwel nofs tal-fol. 73 tal-pro-ċess, liema żewġ paragrafi għandhom ukoll jiġu inkkunsidrati bħallikieku kienu hawn riportati, assenjabili dawk iż-żewġ por-zjonijiet bil-metodu hemm indikat, iżda għar-raġunijiet imsem-mija fil-paragrafu (11) ta' din is-sentenza l-Qorti, waqt li għal finijiet tad-domandi Nri. V, VI, u VII qegħda tikkunsidra l-assi partikolari ta' Grazio Fava bħalli kieku din id-diviżjoni u dawk l-assenjazzjonijiet kienu saru (u dana biex l-attriċi ma tiġiex preġudikata f'dawk id-domandi) mihiex qegħda tordna d-diviżjoni;

(3) tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li saru bejn l-attriċi u Grazio Fava billi tagħmilhom jikkonsistu fil-beni ndikati a fol. 214 u 215 tal-proċess, b'riferenza wkoll, kwantu għall-attiv, għal fol. 81/82 tal-proċess, liema komunjoni jħalli passività netta ta' £411.15.0d;

(4) Stante l-passività ta' dina l-komunjoni tiddikjara li ma hemmx lok għal qasma mitluba fir-raba' domanda u minflok din il-qasma tordna li l-assi soċjali konjugali bejn l-attriċi u Grazio Fava jiġi assenjat bl-attiv u bil-passiv tiegħu kollu lill-assi partikolari ta' Grazio Fava, riservati d-drittijiet tal-attriċi msemmija fil-paragrafu 25 a' din is-sentenza;

(5) tilqa' l-ħames domanda u tillikwida l-assi partikolari ta' Grazio Fava billi tagħmlu jikkonsisti fil-beni ndikati fl-aħħar paragrafu a fol. 217 u fl-ewwel paragrafu a fol. 218 talproċess, liema paragrafi għandhom ukoll jitqiesu bħala hawnhekk riportati, u minn din il-likwidazzjoni joħroġ bilanċ attiv ta' £566.15.0.

(6) tilqa' s-sitt domanda billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi s-somma ta' mija u sittax-il-lira, tlettax-il xelin u disa' soldi (£116.13.9) in totali soddisfazzjon ta' kull legat lilha mħolli minn Grazio Fava, bl-imgħax legali mil-lum, u tirrespinġi l-istess domanda fil-kumplament tagħha;

(7) tirrespinġi s-seba' domanda; u

(8) stante li kif ġie superjorment deċiż ma hemmx bżonn li jsiru attijiet ta' deċiżjoni tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien domanda ħlief u kwantu jirrigwarda nnomini tal-periti li ġià saru ma tul il-kawża.

(9) L-ispejjeż tal-kawża, barra minn dawk li jinsabu ġia definitivament deċiżi għandhom jiġu sopportati, fil-konfront bejn l-attriċi u l-konvenuti, bil-mod segwenti;

(a) Dawk tal-ewwel, tat-tieni u tal-ħames domanda għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti skond il-kwoti tal-interess tagħhom fl-assijiet relativi għal dawn id-domandi;

(b) dawk rigwardanti t-tielet, ir-raba' u s-seba' domanda għandu jiġu sopportati mill-attriċi, ħlief għal dawk rigwardanti l-konstatazzjoni tad-dritt tagħha għal prelevament ta' somma ta' £40.10.0 mill-assi soċjali konjugali tagħha ma' Grazio Fava li, billi sar debitu tal-assi partikolari ta' Grazio Fava, għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti;

(c) dawk rigwardanti s-sitt domanda għandhom jiġu sopportati kwantu għal tliet kwinti (3/5) mill-attriċi u kwantu għal żewġ kwinti (2/5) mill-konvenuti.

(d) Fl-ispejjeż fuq imsemmija għandhom jidħlu dawk rigwardanti n-nomini u r-relazzjonijiet tal-periti taħt it-tmien domandi sa fejn għandhom x'jaqsmu.

(e) Fil-konfront mal-intervjent fil-kawża sa fejn mhumiex ġia deċiżi, li spejjeż għandhom jiġu sopportati mill-intervjent, u fil-konfront bejn l-istess intervjent u l-attriċi għandhom jibqgħu bla taxxa iżda bid-dritt tar-Reġistru sopportabbli fi kwoti indaqs bejniethom.

U b'hekk tponi fini għal din il-kawża f'dina l-istanza.